

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1482**tal-4 ta' Ottubru 2018****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kafeina u tat-teobromina****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jstabbilixxi lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u ta' materjali tas-sors approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 ⁽³⁾ adotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti u introduċa dik il-lista fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.
- (3) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li Stat Membru jew parti interessata jressqu applikazzjoni għal dan.
- (4) Il-Parti A tal-lista tal-Unjoni fiha kemm is-sustanzi aromatizzanti evalwati, li għalihom mhumix assenjati l-ebda noti ta' qiegħ il-paġna kif ukoll is-sustanzi aromatizzanti taħt evalwazzjoni, li huma identifikati bin-noti ta' qiegħ il-paġna 1 sa 4.
- (5) Is-sustanzi kafeina [FL Nru 16.016] u teobromina [FL Nru 16.032] kienu elenkati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1 li skontha l-evalwazzjoni għal dawk is-sustanzi tlestiet mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel ("l-Awtorità").
- (6) Fil-31 ta' Jannar 2017, l-Awtorità lestiet l-evalwazzjoni tas-sikurezza tal-kafeina [FL Nru 16.016] u tat-teobromina [FL Nru 16.032] meta jintużaw bħala sustanzi aromatizzanti ⁽⁴⁾, u kkonkludiet li l-użu tagħhom bħala sustanzi aromatizzanti ma jagħtix lok għal tħassib dwar is-sikurezza abbażi tal-livelli stmati tagħhom ta' konsum f'ċerti kategoriji tal-ikel. Il-kundizzjonijiet tal-użu diġà stabbiliti fil-lista tal-Unjoni jstgħu, għalhekk, jinżammu.
- (7) Għalhekk, il-kafeina [FL Nru 16.016] u t-teobromina [FL Nru 16.032] jenħtieġ li jiġu elenkati bħala sustanzi evalwati fil-lista ta' sustanzi aromatizzanti tal-Unjoni mingħajr in-nota f'qiegħ il-paġna li hemm fl-entrati attwali tagħhom fil-lista tal-Unjoni.
- (8) Għaldaqstant, il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

⁽¹⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 34.

⁽²⁾ ĠUL 354, 31.12.2008, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 li jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jintroduċiha fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 u d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE (ĠUL 267, 2.10.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ EFSA Journal 2017;15(4):4729.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 hija b'dan emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 huwa emendat kif ġej:

1. L-entrata dwar is-sustanza bin-Nru FL 16.016 fit-Taqsima 2 tal-Parti A tiġi sostitwita b'din li ġejja:

“16.016	Kafeina	58-08-2		11741		Restrizzjonijiet għall-użu bħala sustanza aromatizzanti: Fil-kategorija 1. – mhux iktar minn 70 mg/kg Fil-kategorija 3 – mhux iktar minn 70 mg/kg Fil-kategorija 5 – mhux iktar minn 100 mg/kg Fil-kategorija 14.1 – mhux iktar minn 150 mg/kg	EFSA”
---------	---------	---------	--	-------	--	--	-------

2. L-entrata dwar is-sustanza bin-Nru FL 16.032 fit-Taqsima 2 tal-Parti A tiġi sostitwita b'din li ġejja:

“16.032	Teobromina	83-67-0				Restrizzjonijiet għall-użu bħala sustanza aromatizzanti: Fil-kategorija 1. – mhux iktar minn 70 mg/kg Fil-kategorija 14.1 – mhux iktar minn 100 mg/kg	EFSA”
---------	------------	---------	--	--	--	---	-------